KUNSILL LOKALI

LOCAL COUNCIL

RABAT
*Citta' Victoria*

KLR 41/VII/2016

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar il-Ġimgħa 17 ta' Ġunju 2016 fis-18.30.

PREŻENTI: Is-Sindku Josef Schembri, il-Viċi Sindku Maria Portelli, il-membri Dr Samuel Azzopardi, Joseph Debrincat, Michel Buttiġieġ, Marċel Tabone u s-Segretarju Eżekuttiv Miriam Attard.

SKUŻAT: Il-membru Anthony Briffa.

Intqalet it-talba u s-Sindku talab sospensjoni tal-aġenda u ressaq dikjarazzjoni li biha rriżenja minn Sindku. Hu rrefera għas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) mogħtija fil-konfront ta' Dr Samuel Azzopardi li serva fil-kariga ta' Sindku sal-21 ta' April 2016. Innota wkoll l-irtirar tas-sospensjoni ta' Dr Azzopardi mill-Partit Nazzjonalista u jħoss li la darba Dr Azzopardi reġa lura fil-Partit li jifforma l-maġġoranza fil-Kunsill Lokali, u fejn il-liġi tgħidlek li s-Sindku jintgħażel minn dak li ġab l-aktar voti mill-maġġoranza, hu offra r-riżenja tiegħu u nnomina lill-Dr Azzopardi sabiex jerġa jaqdi l-kariga ta' Sindku. Dr Samuel Azzopardi aċċetta din in-nominazzjoni.

Il-Viċi Sindku Maria Portelli wkoll resqet ir-riżenja tagħha minn Viċi Sindku u nnominat lill-Josef Schembri u dan aċċetta din in-nominazzjoni.

Il-laqgħa spiċċat fis-18.45.

Josef Schembri
Sindku

Miriam Attard
Segretarju Eżekuttiv

**Banca Giuratale, Pjazza Indipendenza, Rabat VCT 1020 Għawdex, Malta**
**Tel. No. +356 21563344 Fax No. +356 21563355**
**E-mail :- rabat.gozo.lc@gov.mt Website:- www.victoria.org.mt**
**Josef Schembri – Sindku Maria Portelli – Vici Sindku**
**Kunsilliera – Dr Samuel Azzopardi, Joseph Debrincat, Michel Buttigieg, Anthony Briffa, Marcel Tabone**